MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2013

Numru. 131/2007

Il-Pulizija
(Sp Michael Mallia u Sp Alfred Mallia)
vs
Raymond Magri, iben Carmel, imwieled il-Marsa fil-5 ta' Ġunju, 1959, karta ta' l-identita' numru 374959(M)
u
Deniro Magri, iben Raymond, imwieled Pieta' fit-3 ta' Novembru, 1989, karta ta' l-identita' numru 75890(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni –
lil **Deniro Magri**, waħdu:
1. talli fid-9 ta' Frar, 2007 għal ħabta tal-4.30 a.m. fil-Marsa, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Aserom Belayterlit, bin-numru ta' identifikazzjoni 91392F, f'perikolu ċar, permezz ta' tir ta' arma tan-nar ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tal-persuna ta' l-istess

Aserom Belayterlit liema offiża hija ġravi u li ser tikkaġuna debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti ta' l-għamla tal-ġisem ta' l-imsemmi Aserom Belayterlit, kif medicament iċċertifikat mit-Tabiba Dr. Rachel Agius M.D. ta' l-Isptar San Luqa;
lil **Raymond Magri** u **Deniro Magri**, flimkien:
2. talli fid-9 ta' Frar, 2007 għal ħabta tal-4.30 a.m. fil-Marsa, sparaw arma tan-nar f'inqas minn mitejn metru minn post abitat b'perikolu għal min seta' kien għaddej;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi zammew u ġarrew arma tan-nar f'fond jew f'ppost li jagħmel miegħu;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kellhom fil-pussess tagħhom arma tan-nar mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
5. talli fil-ħin li kienu qegħdin jagħmlu reat kontra l-persuna kellhom fuq il-persuna tagħhom xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti;
lil **Raymond Magri**, waħdu:
6. talli sar reċidiv skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali b'sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-27 ta' Awwissu, 2007 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
fil-konfront ta' **Raymond Magri** –
a. fl-artikoli 214, 216 u 217 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 24(2), 33(1) u 29 tal-Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta' Malta;
c. fl-artikoli 3(a), 4, 5(1), 55, 56, 57, u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
d. fl-artikolu 338(ff) tal-Kodiċi Kriminali;
e. fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali; u
f. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
fil-konfront ta' **Deniro Magri** –
a. fl-artikoli 214, 216 u 217 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 24(2), 33(1) u 29 tal-Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta' Malta;
c. fl-artikoli 3(a), 4, 5(1), 55, 56, 57, u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

d. fl-artikolu 338(ff) tal-Kodiċi Kriminali;
e. fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali; u
f. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Ottubru, 2008 fejn l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fid-9 ta' Frar, 2007 għal ħabta tal-4.30 a.m. seħħ inċident fil-bar li jismu 'New Tiger Bar' li jinsab f'Xatt il-Mollijiet, Marsa. Dan kollu nqala għaliex kien hemm argument bejn xi nies ta' nazzjonalita' ta' l-Eritreia u xi nies maltin dwar xi nisa. Dak il-ħin jirrizulta li ż-żewġ imputati kienu prezenti fil-bar u għajr għal barman ma jirrizultax li kien hemm xi maltin oħra. Allegatament l-afrikani kienu qed jagħtu fastidju lil dawn in-nisa. Din hi rikostruzzjoni fil-qosor u ferm frammentata ta' l-inċident minħabba l-fatt li l-provi mressqa u cioe' x-xhieda tal-afrikani jvarjaw u mhumiex konsistenti. Ġara li f'dan l-inċident ġew sparati diversi tiri ta' arma tan-nar. Mill-eżamijiet ballistiċi jirrizulta li l-armi li ntuzaw kienu tnejn u ġew sparati mill-inqas ħmistax il-tir. Disa' tiri ġew sparati minn pistola waħda u sitt tiri ġew sparati minn pistola oħra. L-esperti tal-ballistika kkonkludew li ħames tiri ġew sparati fid-direzzjoni tas-saqaf, tir fil-ħajt ta' wara l-bar u il-kumplament possibilment fl-ajru.

Illi konsegwenza ta' dan l-inċident Aserom Belayterlit ġie milquta b'tir ta' arma fil-koxxa l-leminija u konsegwenza ta' dan ġarrab ferita ta' natura ħafifa. Ma jirrizultax jekk xi persuna sparat lejh jew intlaqgħat aċċidentalment.

Illi f'dan l-inċident l-imputat Raymond Magri ġarrab ukoll feriti ta' natura ħafifa f'idejh.

Illi fil-kors ta' din il-kawża l-persuna midruba għażlet li ma toffrix ix-xhieda tagħha.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax min hi l-persuna li kkawżat il-feriti lil Aserom Belayterlit.

Illi mill-provi prodotti ma kemm ebda dubju li l-persuni li użaw dawn l-armi kienu l-imputati. Jirrizulta li l-imputati ma għandhom ebda liċenzja biex izommu armi tan-nar. Ħaġa interessanti hi li ebda arma li ntuzat f'dan l-inċident ma ġiet misjuba mill-pulizija.

Illi hu ċar li l-armi ntuzaw għal skop ta' difiza biex l-imputati jipprotegu l-persuna u l-proprjeta' tagħhom. Fil-fatt, l-imputat Raymond Magri hu l-propjetarju tal-fond fejn ġara l-inċident u jirrizulta li hu ġie aggredit minn iktar minn persuna waħda.

Illi ma ttirizulta ebda prova li l-imputat Deniro Magri spara lejn il-midrub.

Illi mis-sentenzi eżebiti jirrizulta li l-imputat Raymond Magri hu reċidiv.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat **Deniro Magri** ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 3(a), 4, 5(1), 55, 56, 57, u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 338(ff) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' ħlas ta' multa ta' ħames mitt euro (€500). Issib lill-imputat **Raymond Magri** ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 3(a), 4, 5(1), 55, 56, 57, u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 49, 50 u 338(ff) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' seba' mitt euro (€700). Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputati li jħallsu s-somma ta' elfejn seba' mija u disgħa u tmenin euro u tmienja u tletin ċentesimu (€2,789.38) 'in solidum' bejniethom spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti u esperti f'dawn il-proċeduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------